MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 275/2003

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Concetta Charles

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 811758M, akkuzata talli fis-16 ta’ Jannar 2002 u fit-8 ta’ Mejju 2002 u fil-granet ta’ qabel u ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

- approprijat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ Lm5,000 ghad-dannu ta’ Marco u Elizabeth Gonzi, liema somma giet fdata jew

ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghha.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kap 9.)

- Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih baghat l-Atti tal-Kumpilazzjoni lil din il-Qorti sabiex f'nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata, tiddeciedi fuq il-htija jew nuqqas taghha.

Semghet lill-imputata taghti l-kunsens taghha sabiex il-kawza tinstema' sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri huma li b'kuntratt tas-16 ta' Jannar 2002 l-imputata kienet irceviet is-somma ta' Lm3000 ghal finijiet ta' adozzjoni ta' tarbija mill-Pakistan li kienet ikkuntrattat li tipprovdi ai termini tal-kuntratt fuq citat.

Mill-provi jirrizulta wisq car li ghal dan l-iskop kienet irceviet is-somma ta' Lm5000 mis-somma patwita ta' Lm5500 izda baqghet inadempienti sal-gurnata tal-lum. Izda fil-mori tal-kawza anzi jirrizulta li obbligat ruhha li tirrestitwixxi l-ammont imhallas lilha permezz ta' pagamenti ratelari u mensili. Sal-lum fadal bilanc ta' circa elf Lira Maltin.

Illi fil-fehma tal-Qorti hemm l-estremi tar-reat ta' misappropjazzjoni skond l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9.

Tiddeciedi konsegwentement wara li rat l-Artikoli fuq citati li ssib l-imputata hatja u tiddeciedi li tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Rat l-Artikolu 24 tal-istess Kap u tordna l-imputata li thallas €1000 lill-kwerelanti zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------